DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/516/PESK

tal-24 ta' Settembru 2012

li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/285/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK.

(2) B'segwitu għal deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) stabbilita skont ir-Riżoluzzjoni 2048 (2012) tal-KSNU, sitt persuni għandhom jitneħħew mil-lista kif tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2012/285/PESK u għandhom jiġu inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness I għal dik id-Deċiżjoni. Huwa wkoll meħtieġ li jiġu emendati l-entrati għal dawk il-persuni.

(3) Il-listi li jinsabu fl-Annessi I u II għad-Deċiżjoni 2012/285/PESK għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jitħassru mil-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2012/285/PESK. Dawk il-persuni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2012/285/PESK, u l-entrati korrispondenti għandhom jiġu emendati kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

[1] ĠU L 142, 1.6.2012, p. 36.

ANNESS

PERSUNI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1

	L-Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport/karta tal-identità, eċċ.)	Raġunijiet għall-elenkar
1.	Kaptan (Forza Navali) Sanhá CLUSSÉ	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 28.9.1965 Ġenituri: Clusse Mutcha u Dalu Imbungue Kariga uffiċjali: Aġent Kap tal-Persunal tal-Forza Navali Passaport: SA 0000515 Data tal-ħruġ: 08.12.2003 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data ta' skadenza: 29.8.2013	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Qrib ħafna ta' António Injai. Sanhá Clussé integra d-delegazzjoni tal- "Kmand Militari" li ltaqgħet mal-ECOWAS f'Abidjan fis-26 ta' April 2012.
2.	Kurunell Cranha DANFÁ	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 5.3.1957 Kariga uffiċjali: Kap tal-Operazzjonijiet tal-Persunal Konġunt tal-Forzi Armati Passaport: AAIN29392 Data tal-ħruġ: 29.9.2011 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data ta' skadenza: 29.9.2016	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Konsulent qrib tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati António Injai.
3.	Maġġur Idrissa DJALÓ	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 6.1.1962 Kariga uffiċjali: Konsulent dwar il-protokoll tal-Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati	Punt ta' Kuntatt għall-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012 u wieħed mill-aktar membri attivi tiegħu. Kien wieħed mill-ewwel uffiċjali li assumew pubblikament l-affiljazzjoni tagħhom mal-"Kmand Militari", billi ffirma waħda mill-ewwel communiqués tiegħu (nru 5, datata 13 ta' April 2012). Il-Maġġur Djaló jappartjeni wkoll għall-Intelligence Militari.
4.	Logutenent-kurunell Tchipa NA BIDON	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 28.5.1954 Ġenituri: "Nabidom" Kariga uffiċjali: Kap tal-Intelligence Passaport: Passaport Diplomatiku DA0001564 Data tal-ħruġ: 30.11.2005 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data ta' skadenza: 15.5.2011	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012.
5.	Logutenent-kurunell Tcham NA MAN (magħruf bħala Namam)	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 27.2.1953 Ġenituri: Biute Naman u Ndjade Na Noa Kariga uffiċjali: Kap tal-Isptar Militari tal-Forzi Armati Passaport: SA0002264 Data tal-ħruġ: 24.7.2006 Post tal-ħruġ: Ginea Bissaw Data ta' skadenza: 23.7.2009	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Ukoll membru tal-Kmand Militari Għoli (l-ogħla ġerarkija tal-Forzi Armati tal-Ginea Bissaw)
6.	Logutenent-kurunell Júlio NHATE	Ċittadinanza: Ginea Bissaw D.t.t.: 28.9.1965 Kariga uffiċjali: Kmandant tar-Reġiment tal-Paratruppi	Membru tal-"Kmand Militari" li ħa r-responsabbiltà għall-kolp ta' stat tat-12 ta' April 2012. Alleat leali ta' António Injai, il-Logutenent-kurunell Júlio Nhate għandu r-responsabbiltà materjali għall-kolp tat-12 ta' April 2012, billi mexxa l-operazzjoni militari.